IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI — ĠUNJU 1959

# *AUSPICIUM MELIORIS AEVI*

*DAN l-aħħar, f'nofs ix-xahar tal-Qalb ta' Ġesù, il-Kumitat "Christus Rex" wettaq l-ewwel funzjoni pubblika billi ġabar x'uħud mill-aqwa nies tal-Gżira fit- teatru ta' l-Università ħalli jagħmlu tifkira solenni lil'l-poeta Malti Monsinjur Dun Karm Psaila f'għeluq il-ħamsa u sittin sena mill-ewwel Quddiesa tiegħu, Kienet okkażjoni ta' ġieh u qima u fl-istess ħin ta' għożża, mogħtijin minn kull klassi tal-poplu lill-bniedem li ħadem biex imexxi 'l quddiem l-ilsien tagħna.*

*Hadu sehem ewlieni f'dik il-lejla ta' ġieh il-qassisin u t-tfal ta' l-iskola; ta' l-ewwel organizzaw iċ-ċerimonja ta' ġieh lil Dun Karm, tat-tieni ġabru bejn ethom biex għamlu bust tiegħu ħalli jitqiegħed fil-Bibljoteka. Dan il-fatt fih innifsu għandu tifsira kbira għax jixhed li l-ilsien tagħna għandu sisien sħaħ biex jogqgħod fuqhom issa u 'l quddiem. Il-Kleru jirrappreżenta l-Knisja li timxi dejjem mal-ħaqq u mas-sewwa u t-tfal huma l-ġenerazzjoni futura bix-xewqat, bix-xejriet u bir-ridiet tagħha. Jekk dawn iż-żewġt ishma tal-ġens Malti wrew qima lejn Dun Karm huma ma jistgħux jistmerru l-ideal tiegħu u l-kawża ta' kburitu, it-tnejn huma l-ilsien Malti. Għalhekk dik id-dimostazzjoni aħna nqisuha bħala rahan ta' rieda tajba lejn il-Malti fiż-żmien li ġej.*

*Il-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda tal-Kittieeba tal-Malti" issieħbu bil-qalb kollha f l-ġieh mogħti lil Dun Karm mhux biss għax hu għal bosta żmien kien wieħed minnhom fil-"Għaqda" u mbagħad laħaq President u issa għadu Onorarju tagħhom, imma għax raw b'għajnejhom li x-xogħol tagħhom mhux ħidma fiergħa imma xogħol ta' fejda li s-siwi tiegħu kulma jmur qiegħed aktar isir magħruf u apprezzat. Bla dubju l-ħidma ta' Dun Karm għall-ilsien Malti u r-rabta tiegħu mal-"Għaqda" kisbulu dan il-ġieh bħalma qabel kienu ġibulu unuri oħrajn.*

*Għalhekk aħna tal-"Għaqda" ħassejna sodisfazzjon kbir b'dik il-wirja ta' qima lejn il-President Onorarju tagħna għax dehrilna li xi ftit minn dak il-ġieh indirettament jaqa' fuq il-"Għaqda" li dejjem għenet, onorat u għolliet lil dan il-persunaġġ*

*għażiż tagħha. Bħala qassis Dun Karm hu xempju ta' qdusija. iżda fost il-Kleru Malti hemm bħalu mijiet, imma bħala poeta Malti Dun Karm qiegħed fil-quċċata u tela' hemm bil-ħila tiegħu fl-arti poetika, bid-don tal-"*magħżulin *li jgħixu f'saltniet il-poeżija", bil-ħidma tiegħu għall-ġid ta' l-ilsien Malti u nistqarruh b'wiċċna minn quddiem, bil-għajnuna li dejjem sab mill-Membri tal-"Għaqda" u minn dawk li jħobbu l-ilsien Malti.*

*In-numru ta' dawk li jħobbu l-Malti qiegħed dejjem joktor u jiżdied u fuq kollox huma ma għadhomx aktar joqogħdu lura. Dari minħabba preġudizzi u injoranza t'il-għedewwa tagħhom, il-ħbieb tal-Malti kienu jimRu bil-qajla, iżda l-lum ħarġu fil-beraħ u xandru ma' kullimkien ir-rieda tagħhom li jitqabdu għall-jeddijiet ta' lsienna u li jħabirku biex iġibuh aktar 'il quddiem kif jixraqlu f'din l-art tiegħu.*

**DISKORS**
**Mis-S.T. Onorevoli, il-Professur A. J. MAMO, O.B.E., Q.C., B.A., L LD. President tal-Qorti fl-okkażjoni ta' Lejla ta' Ġieh lill-Monsinjur Dun Karm Psaila**

Eċċellenza Reverendissima,
Sinjuri,

Il-lejla aħna ltqajna f'din is-sala sabiħa tal-ogħla ċentru ta' tagħlim biex nagħtu ġieh lill-Monsinjur Psaila f'għeluq il-ħamsa u sittin sena tas-Saċerdozju tiegħu.

Kienet idea sabiħa ta' "Christus Rex" — l-Għaqda tal-Kleru Dijoċesan Malti — li organizza din 's-Serata ta' qima lill-Poeta-Qassis li bil-kitba tiegħu matul medda twil ta' snin għamel ġid u ġieh lill-Knisja u lill-Art Twelidu; u jiena nħossni kburi u xxurtjat li ġejt mistieden biex nagħmel il-kelmtejn tal-bidu. Ser ikunu kelmtejn biss u mhux diskors twil, għax aħna lkoll bla sabar biex nisimgħu jinqara dak li kiteb huwa.

F'Dun Karm Psaila aħna nqimu l-Poeta Nazzjonali tagħna, l-akbar u l-aqwa fost il-kittieba tal-poeżija f'ilsien Art Twelidna. Kien hemm żmien twil bil-bosta meta l-ilsien Malti kien fqajjar

u miċħud ġo daru. Il-lum dak iż-żmien, f'ħajjiet Alla, għadda u kważi ntesa.

Ma kenitx l-għira jew il-mibegħda ta' ilsna oħra barranin li ġagħlet lil Dun Karm jikteb bil-Malti. Huwa fehem — kif tajjeb igħidilna l-Professur Aquilina — illi l-kotra l-kbira tal-poplu, anki bit-tixrid b'kollox tat-tagħlim, qatt ma setgħet tkun taf biżżejjed bl-ilsna barranin biex tkun tista' tifhem u tgawdi l-poeżija miktuba b'dawk l-ilsna. Xewqa tiegħu kienet li jagħti f'idejn il-kotra kitba xierqa, għolja u ta' fejda. Huwa ried illi l-poeżija tiġri ma' l-ibliet u l-irħula u tidħol f'kull dar biex iddewwaq is-sbuħija u l-ħlewwa tagħha.

Għalhekk għanna bl-ilsien Malti u ġibilna teżor ta' poeżija mfissra b'reqqa ta' kliem u maħduma b'sengħa li jagħmluh kittieb kbir.

Hu għanna dak kollu li huwa sabiħ u tajjeb: il-ġmiel tan-natura, l-imħabba ta' għajrna, il-ġibda lejn Artna, il-kobor t'Alla.

Safja daqs l-ilma ta' nixxiegħa nadifa;
Helwa daqs l-għana tal-għasafar fis-siġar;
Imżewqa daqs l-ilwien tal-ward fil-ġonna;
Imkebbsa daqs in-nar ta' l-imħabba;
Fejjieda daqs it-tagħlim tas-Sewwa,

il-poeżija ta' Dun Karm Psaila ma tmut qatt.

Anki jekk "fuq ġbinu s-sikka taż-żmien issa ħarbxet ir-radda tax-xjuħija", il-kitba tiegħu tibqa' żagħżugħha u tgħix, għax kif kiteb hu stess:

"l-għanja ma tmutx:
"Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa
Jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,
Hekk il-poeta jgħanni
Meta tmiss l-Id t'Alla:
Habbâr tas-Sewwa, Mera tas-Sbuħija,
Kelmtu mis-sema, u mis-sema tnissel
La jixjieħ u la jmut".

Lil Dun Karm il-lejla ser jiġi mogħti bust li fil-ħsieb tal-Għaqda għad jitqiegħed f'post pubbliku bħala monument b'tifkira tiegħu. Iżda aktar milli fil-bronż sieket, it-tifkira ta' Dun Karm tibqa' tgħix fil-qalba tal-qalb tal-poplu Malti u tfawwar man-noti sbieħ ta' l-Innu Malti kull meta, bil-kliem li tana hu, poplu magħqud nitolbu 'l Alla biex iħares u jseddaq "lil din l-Art ħelwa, l-Omm li tatna l-ħajja".